# Fr Alfred Cachia mssp
## 50 sena saċerdot



***Fit-14 ta' Marzu li għadda, Fr. Alfred Cachia ċċelebra il-ġublew tad-deheb mill-ordinazzjoni saċerdotali. Fr. Alfred, li huwa minn tas-Sliema twieled fit-22 ta' Novembru 1931. Huwa daħal mas-Soċjetà tagħna fit-13 ta' Ottubru tal-1952. Wara li spiċċa lis-studju tiegħu fl-Università ta' Malta huwa ordna saċerdot 50 sena ilu. Fr. Cachia fis-27 ta' Diċembru li ġej jagħlaq 43 sena jaħdem fl-Awstralia***

**Aħna tlabnieh jibagħtilna messaġġ għal din l-okkazzjoni hekk sabiha**

Meta jiena nħares lejn dan iż-żmien ta' 50 sena saċerdot ma' għandi l-ebda kelma ħlief li ngħid grazzi kbira lil Alla talli tani dan il-privileġġ li naqsam miegħu il-ministeru saċerdotali. Jiena matul dan iż-żmien qatt ma ġieni xi dubju minn din l-għażla u qatt ma ddispjaċini li dħalt mas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

Jiena dejjem kont kuntent fil-ħidma li s-superjuri afdawli f'idejja kemm meta kont Malta, fejn ħdimt maż-żgħażagħ kemm fl-Oratorju ta' B'Kara li domt sitt snin kif ukoll mat-tfal tal-Istitut ta' San Ġużepp f'St. Venera, fejn għamilt erba snin oħra. Iżda fil-1965 ħallejt dan ix-xogħol biex minn Malta niġi l-Awstralja.

Ix-xogħol tiegħi fl-Awstralija ma' ħuti l-Emigranti Maltin, li dak iż-żmien kienu jemigraw bl-eluf, kien ta' kull xorta. Barra l-għajnuna soċjali li l-emigranti kienu jħossu li s-saċerdot Malti biss jista'jagħtihom, jien kont bħala Kappillan u viċi-kappillan f'diversi parroċċi li is-Soċjetà għanda kemm f'Melbourne u kemm f'Sydney u li kellna f'Perth.

Ħamsin sena huwa żmien twil li ma tulhom jien pruvajt naħdem dejjem għall-glorja t'Alla u għall-ġid ta' dawk li kienu afdati f'idejja. Ilum barra milli ngħid grazzi 'l Alla, nixtieq ngħid grazzi wkoll, lil dawk kollha li għext u ħdimt magħhom bħala saċerdot, li kienu dejjem ta' għajnuna fix-xogħol tiegħi. Inwiegħed li bħal dejjem nibqa nitlob għall-ġenituri tiegħi, li żgur qed igawdu 'l Alla, għall-ħuti u sħabi fis-Soċjetà u xejn inqas għall-benefatturi tal-ġenerosità tagħhom lejn is-Soċjetà tagħna.




# Il-President ta' Malta fl-Awstralja

Fl-aħħar vista uffiċċjali li l-President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami għamel fl-Awstralja, huwa żar iċ-Ċentru tal-*Maltese Community Council*, li jagħmel parti tad-dar ta' Parkville li s-Soċjetà għanda f'Melbourne. Hemm kellu l-okkazzjoni iltaqa' mal-*Fathers* tagħna. Dakinhar Fr. Emanuel Adami mssp ippreżentalu ktieb li kien għadu kemm ippubblika.

Meta kien Sydney, peress li kien ras ir-Randan, huwa xtaq jattendi għal funzjoni tal-irmied. Għalhekk huwa mar fid-Dar tagħna ta' De Piro *House* fejn wara li ġie milqugħ minn Fr. Tarċis Micallef mssp, huwa attenda l-ewkaristija u wara iltaqa' mal-komunità maltija li tiltaqa' f'din id-dar.



# TINSEWX...



Għodda importanti għas-saċerdoti u l-istudenti tagħna huma l-kotba.Waqqaf FUNDAZZJONI LIBRERIJA billi toffri darba biss 117 euro, u bl-imgħax tagħhom nixtru l-kotba kull sena. Fuq il-ktieb titwaħħal *label* bl-isem ta' min ta dik id-donazzjoni

**L-indirizz tiegħi hu: 'L-Oratorju' Triq San Ġiljan, B'Kara, BKR 2806. Tel: 2144 1917 / 7926 5968**

APRIL 2009 / GĦADD 436
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP

50 Sena

# Għalilkom

ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB

NEWSPAPER POST

SOĊJETÀ MISSJUNARJA TÀ SAN PAWL: SANT'AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159



# Il-Ftuħ u t-Tberik tal-Knisja Parrokkjali tal-Konverżjoni ta' San Pawl fil-Pakistan

Fr Norbert Bonavia mssp, *Editur*

L-Arċisqof ta' Lahore, l-Eċċellenza tiegħu Mons. Lawrence Saldanha, madwar sena u nofs ilu ta f'idejn is-Soċjetà tagħna żona ġdida.

L-ewwel ħsieb tal-membri tagħna kien li jibdew billi jibnu sens ta' komunità lill-insara li jgħixu f'din iż-żona u li jinsabu mxerrdin fi tmien komunitajiet prinċipali; l-iktar waħda bogħod hija dik f'raħal jismu Ahloo, xi ħamsa u tletin kilometru bogħod miċ-ċentru. Wara li raw li tnissel sew is-sens ta' komunità bdew jaħsbu għal-bini tal-knisja parrokkjali. Il-pjanta tal-kumpless kollu hu ta' Fr. Bernard Mangion, is-Superjur Ġenerali tagħna.

Fl-4 ta' Jannar kien il-jum il-kbir għal din il-parroċċa ġdida. L-Arċisqof fetaħ u bierek uffiċjalment din il-knisja u ddedika lil Alla taħt it-titlu tal-Konverżjoni ta' San Pawl.

Madwar elfejn ruħ attendew għal din iċ-ċerimonja. Kienu kburin li issa kellhom il-knisja tagħhom li għalihom tfisser ħafna għax tgħinhom biex tatihom sens ta' identità li hu ħafna importanti ladarba fil-Pakistan l-insara huma bħal ftit qtar f'baħar ta' musulmani. Ferħ wkoll għax issa għandhom post sabiħ u diċenti fejn jistgħu jiċċelebraw il-misteri tal-fidi tagħhom.

Fr Raymond Simon MSSP, li hu bħalissa l-aġent kappillan ifforma kumitat biex jorganizza din l-okkażżjoni. Dawn ħadu dan ix-xogħol b'impenn u kollox kien organizzat sa l-inqas dettal. It-triq ta' quddiem il-knisja ġiet imżejna sabiħ b'siġar tal-banana li jfissru merħba mill-qalb u friegħi oħra ta' siġar. L-art li mhix asfaltata ġiet imwittija u permezz ta' serratura kkulurita iddisinjaw tapit li ġie veru sabiħ bil-kelma *Welcome*.

In-nies ġew minn kull parti tal-parroċċa anke dawk l-aktar imbiegħda, bdiet tasal minn sagħtejn qabel. It-tfal tal-skola tal-parroċċa qagħdu maż-żewġ naħat tat-triq u taw merħba sabiħa lill- Arċisqof bit-tfigħ tal-fjuri.

Wara talba introduttorja il-kuntrattur li bena l-knisja ta ċ-ċwievet lill-Arċisqof u dan tahom lill-katekista prinċipali u qallu biex jieħu ħsieb il-knisja b'responsabilità. Wara dan l-Arċisqof qata' iż-żigarella u bierek il-knisja. In-nies ġew mistiedna biex jidħlu u jieħdu posthom fil-knisja. Meta kulħadd sab postu l-Arċisqof bierek l-artal, it-tabernaklu u l-Bibbja. Fil-quddiesa konċelebrata l-Arċisqof għamel omelija sabiħa fejn spjega lin-nies it-tifsira u l-importanza tal-knisja parrokkjali. Ħeġġighom biex jattendu għal-quddiesa tal-Ħadd u jirċievu is-sagramenti spiss.

Wara l-funzjoni kif hija drawwa fil-Pakistan tqassam l-ikel lil dawk kollha li kienu prezenti.

Minbarra l-knisja nbnew ukoll ċentru parrokkjali żgħir u grotta kbira bl-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes.



## ĊAM Productions International

ĊAM Productions International (CPI), il-*Production House* fi ħdan is-Soċjetà, ilha għal dawn l-aħħar snin tevanġelizza permezz tal-programmi **Ħaddieħor** u **Sejjaħtli** li jixxandru fi tmiem il-ġimgħa, fuq NET TV u ONE TV rispettivament.

**Ħaddieħor**, ippreżentat minn Marthese Brincat, huwa programm ta' diskussjoni, li filwaqt li jmiss suġġetti varji, bil-għajnuna wkoll tal-mistiedna residenti Fr. Marcello Ghirlando ofm, Dr.Mark Xuereb, u Fr. Joe Inguanez, jagħrfu jwasslu t-tagħlim tal-Knisja u valuri nsara. Dan ukoll permezz ta' siltiet mill-Bibbja, *features* qosra u intervisti.

Minn naħa l-oħra, **Sejjaħtli**, huwa wkoll programm ta' diskussjoni, iżda jittratta temi soċjali li joħolqu tbatija. Id-diskussjoni ddur madwar storja interpretata minn atturi. Tippreżenta Joyce Cassar, u jippartecipaw Fr. Renè Camilleri u xi mistiedna oħra esperti fis-suġġett, **Sejjaħtli** wkoll ifittex li jitfa' dawl u jislet valuri nsara f'sitwazzjonijiet ta' qtigħ il-qalb u tbatija.



## Prize Day

Is-*St.Paul's Missionary College* tas-Soċjetà tagħna li għandna r-Rabat, żamm l-appuntament tiegħu ta' kull sena bil-***Jum tal Premjazzjoni***. Din is-sena bħala l-mistieden speċjali kien l-E.T. in-Nunzju Appostoliku għal Malta, Mons.Tommaso Caputo. Bħas-soltu wkoll, għal din l-okkazzjoni jtellgħu *musical*. Din id-darba kien jisimha *Oliver Twist* ta' Charles Dickens.





## Ċam youths

Waħda mill-attivitajiet li għanda s-Soċjetà tagħna hija il-formazzjoni taż-żgħażagħ fi ħdan iċ-ĊAMYouths li bħalissa hi magħmula minn 15-il komunità.

Peress li n-numru ta' dawn iż-żgħażagħ matul is-snin kiber sew u anke xi wħud minnhom kibru fl-età, ħassew li għal dawn il-komunitajiet aktar maturi għandu jsir xi ħaġa aktar adattata għalihom. Għalhekk sar *live-in* partikolari ta' jumejn, fejn flimkien raw kif Alla kien qiegħed jaħdem f'dawn is-snin li ilu jeżisti ĊAMYouths.

Huma studjaw l-istorja ta' ĊAMYouths u l-istorja ta' kull komunità u kif Alla kien qiegħed jaħdem f'din l-istorja. Fl-Ewkaristija tal-aħħar jum talbu biex il-Mulej jurihom x'inhi r-rieda tiegħu għall-futur. Huma ħassew li r-rieda t'Alla jistgħu jgħarrfuha biss bl-għaqda ta' bejniethom. It-tema tal-live-in bl-isem ta' ***Fusion2009*** kienet: Ħalli lkoll ikunu ħaġa waħda.



## L-Oratorju

Il-Kumpanija Teatrali 'San Ġenażju' li għandna fl-Oratorju 'San Domenico Savio' f'Birkirkara, ta' kull sena fi żmien ir-Randan itellgħa dramm b'messaġġ. Din is-sena ħadmu 'Is-Sigriet tal-qrar'. Dramm oriġinali li mill-Franċiż ġie maqlub għall-Malti minn Ġorġ Xerri, u addattat għall-palk minn Fr. Louis Bajada. O.C. Barra dan bejn Ottubru u Mejju l-Kumpanija għandha ttellgħa tlett kummiedji oħra.

## Bro. Bernard fil-Filippini

Br. Bernard Falzon wieħed mill-istudenti tas-Soċjetà tagħna, wara li gradwa fil-Filosofija mill-Università ta' Malta u għamel sena esperjenza missjunarja fil-Perù; fil-10 ta' Marzu li għadda, ħalla Malta fi triqtu lejn il-Filippini fejn ser jibda l-istudju tiegħu fit-Teoloġija. B'hekk flimkien ma' tlett studenti oħra; tnejn mil-Perù u wieħed mill-Pakistan ser jiġi iffurmat l-ewwel grupp ta' studenti li ser jibdew l-istudju tat-teoloġija fil-Filippini. Aktar studenti mistennija jingħaqdu magħhom is-sena id-dieħla.

